



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

Brussel, 28 ta' April 2006

8752/06

**Fajl Interistituzzjonali:
2004/0165 (COD)**

FSTR	26
SOC	197
CADREFIN	110
CODEC	393
OC	320

NOTA

minn: Grupp ta' Ħidma ta' Azzjonijiet Strutturali

lil: Coreper/Kunsill

Nru dok. preċ.: 6197/06 FSTR 2 SOC 59 CADREFIN 24 CODEC 125
15944/05 FSTR 66 SOC 521 CADREFIN 272 CODEC 1201
11942/05 FSTR 56 SOC 333 CADREFIN 165 CODEC 699
10687/05 FSTR 49 SOC 284 CADREFIN 141 CODEC 565
9992/05 FSTR 44 SOC 262 CADREFIN 125 CODEC 492
7937/05 FSTR 25 SOC 155 CADREFIN 65 CODEC 231
8631/05 FSTR 34 SOC 192 CADREFIN 96 CODEC 309

Nru Cion prop.: COM(2004) 493 finali (11636/04 FSTR 17 SOC 367 CADREFIN 22)

Suġġett: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew (FSE)
- Ftehim Politiku

LINJI GWIDA KOMUNI

Terminu perentorju ta' konsultazzjoni għall-Bulgarija u r-Rumanija: 2 ta' Mejju 2006

Il-Coreper/Kunsill isibu f'anness it-test tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) bil-ħsieb ta' ftehim politiku.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar il-Fond Soċjali Ewropew**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 148 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni³,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat⁴,

¹ ĠU C (...), (...), p. (...).

² ĠU C (...), (...), p. (...).

³ ĠU C (...), (...), p. (...).

⁴ ĠU C (...), (...), p. (...).

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru (...), li jistabbilixxi d-disposizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni¹, jistabbilixxi l-qafas għal azzjoni mill-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni u jistabbilixxi, b'mod partikolari, l-oġġettivi, il-prinċipji u r-regoli li jikkonċernaw is-sħubija, l-ipprogrammar, il-valutazzjoni u t-tmexxija. Għalhekk, huwa meħtieġ li tiġi ddefinita l-missjoni tal-Fond Soċjali Ewropew (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-"FSE") fir-rigward tal-kompiti preskritti taħt l-Artikolu 146 tat-Trattat, u fil-kuntest tal-ħidma ta' l-Istati Membri u tal-Komunità biex tkun żviluppata strateġija koordinata għall-impjiegi, kif previst fl-Artikolu 125 tat-Trattat. Fl-interess taċ-ċarezza, ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Soċjali Ewropew² għandu jiġi sostitwit.
- (2) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti disposizzjonijiet speċifiċi dwar l-għamla ta' attivitajiet li jistgħu jiġu ffinanzjati mill-FSE taħt l-oġġettivi definiti fir-Regolament (KE) Nru (...) li jistabbilixxi d-disposizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni.
- (3) Il-FSE għandha ssaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali billi ttejjeb l-oportunitajiet ta' impjieg fil-qafas tal-kompiti fdati lill-FSE mill-Artikolu 146 tat-Trattat, u tal-kompiti fdati lill-Fondi Strutturali taħt l-Artikolu 159 tat-Trattat, skond id-disposizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru (...) li jistabbilixxi d-disposizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni.
- (4) Dan l-approċċ huwa iktar u iktar sinifikanti fid-dawl ta' l-isfidi li joħorġu mit-tkabbir ta' l-Unjoni u l-fenomeni tal-globalizzazzjoni ekonomika. F'dan ir-rigward, l-importanza tal-mudell soċjali Ewropew u l-immodernizzazzjoni tiegħu jridu jiġu rikonoxxuti.

¹ ĠU C (...), (...), p. (...).

² ĠU L 213, 15.3.2001, p. 5.

- (5) Skond l-Artikoli 99 u 128 tat-Trattat, u bil-ħsieb li tiġi ffokata mill-ġdid l-istrategġija ta' Lisbona dwar it-tkabbir u x-xogħol, il-Kunsill adotta pakkett integrat li jinkludi Linji Gwida wesgħin dwar il-Politika Ekonomika u Linji Gwida dwar l-Impjiegi; dawn ta' l-aħħar niżżlu objettivi ta' l-impjiegi, prioritajiet u għanijiet. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew tat-22 u t-23 ta' Marzu 2005 għamel sejħa għall-mobilizzazzjoni tar-riżorsi nazzjonali u komunitarji xierqa kollha inkluż il-politika ta' koeżjoni.
- (6) Mill-programm ta' Inizjattiva tal-Komunità magħruf bħala EQUAL ittieħdu lezzjonijiet ġodda, speċjalment fir-rigward ta' l-ikkombinar ta' l-azzjoni lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropea. Dawn il-lezzjonijiet għandhom ikunu integrati f'appoġġ lill-FSE. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-parteciġazzjoni ta' gruppi ta' mira, l-integrazzjoni ta' migranti, inklużi dawk li qegħdin ifittxu asil; l-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet dwar politika u l-integrazzjoni sussegwenti tagħhom; tekniki ta' innovazzjoni u sperimentazzjoni; metodoloġiji għall-kooperazzjoni transnazzjonali; sforz għall-involviment ta' gruppi emarġinati mis-suq tax-xogħol; l-impatt ta' kwistjonijiet soċjali fuq is-suq intern, u l-aċċess għal u l-ġestjoni ta' proġetti li jidħlu għalihom organizzazzjonijiet mhux governattivi.
- (7) Il-FSE għandu jappoġġa l-politika ta' l-Istati Membri li jsegwu mill-qrib il-linji gwida integrati u r-rakkomandazzjonijiet li saru taħt l-Istrategġija Ewropea dwar l-Impjiegi u l-obiettivi rilevanti tal-Komunità dwar l-inklużjoni soċjali, in-non-diskriminazzjoni, il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza, l-edukazzjoni u t-taħriġ, biex jikkontribwixxi aktar fl-implimentazzjoni ta' l-obiettivi u l-miri li dwarhom kien hemm ftehim fil-Kunsilli Ewropej ta' Lisbona u ta' Goteborg.

- (8) Il-FSE għandu jaġixxi wkoll biex jittratta d-dimensjonijiet u l-konsegwenzi rilevanti tal-bidliet demografiċi fil-popolazzjoni attiva tal-Komunità, partikolarment permezz tat-taħriġ vokazzjonali ta' tul il-ħajja.
- (9) Bil-ħsieb li tkun antiċipata u mmexxija aħjar il-bidla u jiżdiedu t-tkabbir ekonomiku, l-opportunitajiet għall-impjieg għal nisa u rġiel u l-kwalità u l-produttività fuq ix-xogħol, taħt l-oġettiv tal-kompetittività reġjonali u l-impjieg u l-oġettiv ta' konverġenza, l-għajnuna mill-FSE għandha tiffoka, b'mod partikolari, fuq li tiżdied l-adattabbiltà tal-ħaddiema u l-intrapriżi, billi jissaħħaħ il-kapital uman u l-aċċess għall-impjieg u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, tissaħħaħ l-inklużjoni soċjali ta' persuni li huma żvantaġġati u li tkun miġġielda d-diskriminazzjoni, billi persuni li ma humiex ekonomikament attivi jitħeġġu jidħlu fis-suq tax-xogħol kif ukoll jiġu promossi sħubiji għar-riforma.
- (10) Barra minn hekk, dawn il-prijoritajiet, fir-reġjuni l-anqas żviluppati u fl-Istati Membri, taħt l-oġettiv ta' konverġenza u bil-ħsieb li jiżdiedu t-tkabbir ekonomiku, l-opportunitajiet għall-impjieg għan-nisa u l-irġiel kif ukoll il-kwalità u l-produttività fuq ix-xogħol, huwa meħtieġ li jitwessa' u jittejjeb l-investiment fil-kapital uman u li titjieb ukoll il-kapaċità istituzzjonali, amministrattiva u ġudizzjarja, l-aktar biex jitħejjew u jkunu implimentati r-riformi, u biex ikun infurzat ukoll l-*acquis*.
- (11) Fil-firxa ta' dawn il-prijoritajiet, l-għażla ta' interventi tal-FSE għandha tkun flessibbli sabiex jiġu indirizzati l-isfidi speċifiċi f'kull Stat Membru u t-tipi ta' azzjoni prijoritarja ffinanzjati mill-FSE għandhom jippermettu marġni ta' flessibbiltà biex jirrispondi għal dawn l-isfidi.
- (12) Il-promozzjoni ta' attivitajiet innovattivi trans-nazzjonali u inter-reġjonali hija dimensjoni importanti li għandha tiġi integrata fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE. Għal azzjonijiet trans nazzjonali u interreġjonali, u biex titrawwem il-kooperazzjoni, l-Istati Membri għandhom jipprogrammaw azzjonijiet bħal dawn billi jużaw approċċ orizzontali jew permess ta' assi dedikat ta' prijetà.

- (13) Huwa meħtieġ li tkun żgurata l-koerenza ta' l-azzjoni tal-FSE mal-politika prevista taħt l-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi u li l-appoġġ tal-FSE jkun ikkonċentrat fuq l-implimentazzjoni tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet dwar l-impjiegi.
- (14) Implimentazzjoni effiċjenti u effettiva ta' l-azzjoni appoġġata mill-FSE tistrieħ fuq il-governanza tajba u s-sħubija bejn l-atturi territorjali u soċjo-ekonomiċi rilevanti kollha, l-aktar l-imsieħba soċjali u partijiet interessati oħrajn, inkluż fuq livell reġjonali u lokali. L-imsieħba soċjali għandhom rwol ċentrali fis-sħubija għal bidla wiesgħa, u l-impenn tagħhom għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika u soċjali billi jitjiebu l-opportunitajiet ta' l-impjiegi u tax-xogħol huwa essenzjali. F'dan il-kuntest, fejn iż-żewġ naħat ta' l-industrija jikkontribwixxu b'mod kollettiv biex isostnu finanzjarjament l-azzjonijiet tal-FSE, din il-kontribuzzjoni finanzjarja, għalkemm nefqa privata, tiġi inkluża għall-iskopijiet li jiġi kkalkolat il-kofinanzjament tal-FSE.
- (15) Il-FSE għandu jsostni azzjoni konformi mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti adottati taħt l-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi. Madankollu, bidliet fil-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet ikunu jeħtieġu r-reviżjoni ta' programm operattiv, biss fejn Stat Membru, jew il-Kummissjoni bi ftehim ma' Stat Membru, tikkunsidra li l-programm operattiv għandu jieħu kont ta' bidliet sinifikanti u soċjo-ekonomiċi, jew jieħu kont akbar jew differenti tal-bidliet prinċipali fil-prijoritajiet tal-komunità, nazzjonali jew reġjonali; jew fid-dawl ta' valutazzjonijiet; jew wara diffikultajiet fl-implimentazzjoni.
- (16) L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet iffinanzjati mill-FSE taħt l-Objettivi ta' Konverġenza u tal-Kompetittività Reġjonali u l-Impjiegi tikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza u t-tneħħija ta' l-inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel; approċċ ta' integrazzjoni tal-kwistjonijiet ta' bejn is-sessi għandu jkun magħqud ma' azzjoni speċifika biex jiżdiedu l-parteciġazzjoni sostenibbli u l-progress tan-nisa li jaħdmu.

- (17) Il-FSE għandu jappoġġa wkoll l-għajnuna teknika, b'attenzjoni speċjali biex jitħeġġeġ it-tagħlim reċiproku permezz ta' skambji ta' disseminazzjoni ta' esperjenzi, it-trasferiment ta' prattiċi tajbin u li jkun enfasizzat il-kontribut tal-FSE biex jintlaħqu l-oġettivi tal-politika u l-prijoritajiet tal-Komunità, fir-rigward ta' l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali.
- (18) Ir-Regolament (KE) Nru (...) li jistabbilixxi d-disposizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni jipprovdi li l-eliġibbiltà tan-nefqa għandha tiġi stabbilita fuq livell nazzjonali, b'ċerti eċċezzjonijiet, li għalihom huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti disposizzjonijiet speċifiċi. L-eċċezzjonijiet dwar il-FSE għandhom għalhekk jiġu stabbiliti.

ADDOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kompiti tal-Fond Soċjali Ewropew ("FSE"), il-firxa ta' applikazzjoni ta' l-għajnuna tiegħu, disposizzjonijiet speċifiċi u t-tipi ta' infiq eliġibbli għall-għajnuna.
2. Il-FSE huwa rregolat mid-disposizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru (...) u mid-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Kompiti

1. Il-FSE għandu jikkontribwixxi għall-prijoritajiet tal-Komunità fir-rigward tat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika u soċjali billi jtejjeb l-impjieg u l-opportunitajiet ta' impjieg, filwaqt li jħeġġeġ livell għoli ta' impjieg u iktar impjiegi u impjiegi aħjar. Għandu jagħmel dan billi jappoġġa l-politika ta' l-Istati Membri biex ikun hemm xogħol għal kulħadd u kwalità u produttività fix-xogħol; biex tkun promossa l-inklużjoni soċjali, inkluż l-aċċess għal impjieg ta' nies żvantaġġati; u biex jitnaqqsu d-disparitajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fl-impjieg.

B'mod partikolari, il-FSE għandu jsostni azzjonijiet b'mod konformi mal-miżuri meħudin mill-Istati Membri abbażi tal-linji gwida adottati taħt l-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi, kif inkorporati fil-linji gwida Integrati għat-tkabbir u l-impjiegi, u r-rakkomandazzjonijiet li jakkumpanjawhom.

2. Fit-twettiq tal-kompiti msemmin fil-paragrafu 1, il-FSE għandu jappoġġa l-prijoritajiet tal-Komunità dwar il-ħtieġa li tiġi rinfurzata l-koeżjoni soċjali, tissaħħaħ il-produttività u l-kompettitività, u jiġu promossi t-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp sostenibbli. Meta jagħmel dan, il-FSE għandu jieħu kont tal-prijoritajiet u l-oġettivi rilevanti tal-Komunità fl-oqsma ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ, waqt li jżid il-parteċipazzjoni ta' persuni ekonomikament inattivi fis-suq tax-xogħol, jiġġieled l-esklużjoni soċjali - speċjalment dik ta' gruppi żvantaġġati bħal persuni b'diżabbiltajiet - jippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u n-non-diskriminazzjoni.

Artikolu 3

Kamp ta' l-applikazzjoni ta' l-għajnuna

1. Fil-qafas ta' l-oġettivi ta' konverġenza u kompetittività reġjonali u l-impjiegi, il-FSE għandu jappoġġa azzjonijiet fl-Istati Membri taħt il-prijoritajiet elenkati hawn taħt. Fi ħdan dawn il-prijoritajiet, l-Istati Membri jistgħu jikkonċentraw fuq dawk li huma l-aktar xierqa biex jindirizzaw l-isfidi speċifiċi tagħhom.
- (a) żieda fl-adattabbiltà tal-ħaddiema, l-impriżi u imprendituri, bil-ħsieb li jiġu mtejjba l-antiċipazzjoni u t-tmexxija pożittiva tal-bidla ekonomika, b'mod partikolari bil-promozzjoni ta':
- (i) tagħlim tul il-ħajja kollha u investiment miżjud fir-riżorsi umani mill-impriżi, l-aktar l-impriżi żgħar u medji (SMEs), u fil-ħaddiema, bl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi u strateġiji, inkluż l-apprendistat, li jiżguraw l-aċċess imtejjeb għat-taħriġ ta', b'mod partikolari, ħaddiema b'ħiliet baxxi u dawk ta' età avvanzata, l-iżvilupp tal-kwalifiki u l-kompetenzi, it-tixrid ta' l-ICT, *e-learning*, teknoloġiji favur l-ambjent u l-ħiliet tat-tmexxija, il-promozzjoni ta' intraprenditorija u l-innovazzjoni, u *start-ups* tan-negozji;

- (ii) it-tfassil u t-tixrid ta' forom ġodda ta' organizzazzjoni tax-xogħol li jkunu innovattivi u produttivi aktar, inklużi saħħa u sigurtà aħjar fuq ix-xogħol, l-identifikazzjoni ta' ħtiġiet okkupazzjonali u ta' hiliel tal-ġejjieni, u l-iżvilupp ta' servizzi speċifiċi ta' xogħol, taħriġ u appoġġ, inkluż is-sejbien ta' impjieg ġdid, għall-ħaddiema fil-kuntest tar-ristrutturar tal-kumpanija tas-settur.
- (b) tisħiħ ta' aċċess għax-xogħol u l-inklużjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol ta' dawk li qed ifittxu impjieg u persuni inattivi, li jkun evitat il-qgħad, b'mod partikolari għall-perijodu fit-tul u l-qgħad fost iż-żgħażaġh, titħeġġeġ ix-xjuħija attiva u titwal il-ħajja fuq il-post tax-xogħol, u li tiżdied il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari bil-promozzjoni ta':
- (i) l-immodernizzar u t-tisħiħ ta' l-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari s-servizzi ta' l-impjieg u inizjattivi rilevanti oħra fil-kuntest ta' l-Unjoni Ewropea u l-istrateġiji ta' l-Istati Membri għall-impjieg għal kulħadd;
 - (ii) l-implimentazzjoni ta' miżuri attivi u preventivi li jkunu jiżguraw l-identifikazzjoni bikrija tal-ħtiġiet ma' pjanijiet ta' azzjoni individwali u l-appoġġ personalizzat, bħal taħriġ imfassal apposta, it-tiftix għax-xogħol, is-sejbien ta' impjieg ġdid u l-mobbiltà, l-impjieg indipendenti u l-ħolqien tan-negozji - inkluż impriżi kooperattivi, inċentivi li jħeġġu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, miżuri flessibbli biex ħaddiema avvanzati fl-età jinżammu iktar fl-impjieg u miżuri biex jiġu rikonċiljati x-xogħol u l-ħajja privata, bħall-faċilitazzjoni ta' l-aċċess għall-kura tat-tfal u l-kura għall-persuni dipendenti.
 - (iii) integrazzjoni u azzjoni speċifika, biex jittejjeb l-aċċess għall-impjieg u tiżdied il-parteċipazzjoni sostenibbli u l-progress tan-nisa li jaħdmu, biex titnaqqas is-segregazzjoni fis-suq tax-xogħol ibbażata fuq is-sessi, anki billi jkunu ttrattati l-għeruq tal-kawżi, diretti u indiretti, tad-differenzi f'kif jitħallsu n-nisa u l-irġiel .

- (iv) azzjoni speċifika biex tiżdied il-parteċipazzjoni ta' migranti fl-impjieg u b'hekk tissaħħaħ l-integrazzjoni soċjali tagħhom; tiġi ffaċilitata l-mobbiltà ġeografika u settorjali ta' ħaddiema u l-integrazzjoni ta' swieq tax-xogħol trans-konfini, inkluż permezz tal-gwida u t-taħriġ fil-lingwa u l-validazzjoni ta' kompetenzi u ta' ħiliet miksubin.
- (ċ) tissaħħaħ l-inklużjoni soċjali ta' persuni żvantaġġati bil-ħsieb ta' l-integrazzjoni sostenibbli tagħhom fl-impjieg u li jkunu miġġielda l-forom kollha ta' diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari bil-promozzjoni ta':
 - (i) toroq għall-integrazzjoni u d-dħul mill-ġdid fl-impjieg għal persuni żvantaġġati, bħal persuni li jkunu qed ibatu minn esklużjoni soċjali, persuni li jħallu l-iskola kmieni, minoranzi, persuni b' diżabbiltà u persuni li jipprovdu kura għal persuni dipendenti, permezz ta' miżuri ta' impjegabbiltà, inkluż fil-qasam ta' l-ekonomija soċjali, aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u azzjonijiet akkumpanjatriċi u appoġġ rilevanti u servizzi komunitarji u ta' kura li jtejbu l-opportunitajiet ta' impjieg;
 - (ii) aċċettazzjoni tad-diversità fil-post tax-xogħol u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fl-aċċess u li wieħed jimxi 'l quddiem fis-suq tax-xogħol, inkluż permezz ta' tqajjim ta' kuxjenza, l-involvement ta' komunitajiet u impriżi lokali u l-promozzjoni ta' inizjattivi ta' impjieg lokali.
- (d) Tisħiħ tal-kapital uman, b'mod partikolari bil-promozzjoni ta':
 - (i) it-tfassil u l-introduzzjoni ta' riformi fis-sistemi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ sabieħ tiġi żviluppata l-possibiltà ta' impjieg, tiġi mtejbja r-rilevanza tas-suq tax-xogħol fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali tal-bidu u jiġu aġġornati kontinwament il-ħiliet tal-persunal li jħarreġ bil-ħsieb ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien;
 - (ii) attivitajiet ta' networking bejn l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, ċentri ta' riċerka u teknoloġija u impriżi

- (e) Il-promozzjoni ta' sħubiji, patti u inizjattivi permezz tan-networking tal-partijiet interessati rilevanti, bħal imsiehma soċjali u NGOs, fuq livell nazzjonali, reġjonali lokali u transnazzjonali sabiex issir mobilizzazzjoni għal riformi fil-qasam ta' l-impjiegi u l-inklużjoni tas-suq tax-xogħol.

2. Fil-qafas ta' l-oġettiv ta' konverġenza, il-FSE għandu jappoġġa azzjonijiet fi Stati Membri taħt il-prijoritajiet elenkati hawn taħt. Fi ħdan dawn il-prijoritajiet, l-Istati Membri jistgħu jikkonċentraw fuq dawk li huma l-aktar xierqa biex jindirizzaw l-isfidi speċifiċi tagħhom.

- (a) li jitwessa' u jitjieb l-investiment fil-kapital uman, b'mod partikolari bil-promozzjoni ta':
 - (i) l-implimentazzjoni tar-riformi fis-sistemi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ l-aktar sabiex jtkabbar ir-rispons tan-nies għall-ħtiġijiet ta' soċjetà bbażata fuq l-għarfien u t-tagħlim tul il-ħajja kollha.
 - (ii) il-parteċipazzjoni miżjuda fl-edukazzjoni u t-taħriġ matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja, inkluż b'azzjoni biex jinkisbu tnaqqis fin-numru ta' tfal li jħallu l-iskola kmieni, is-segrgazzjoni ta' suġġetti bbażata fuq is-sess u aktar aċċess u akbar kwalità ta' l-edukazzjoni tal-bidu, vokazzjonali u terzjarja u t-taħriġ.
 - (iii) l-iżvilupp tal-potenzjal tal-bniedem fir-riċerka u l-innovazzjoni, l-aktar permezz ta' post universitarji u t-taħriġ ta' riċerkaturi.

- (b) It-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali u l-effiċjenza ta' l-amministrazzjonijiet pubbliċi u s-servizzi pubbliċi fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali u, fejn ikun rilevanti, l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet non-governattivi bil-ħsieb tar-riformi, regolamentazzjoni aħjar u l-governanza tajba l-aktar fil-qasam ekonomiku, ta' l-impjiegi, ta' l-edukazzjoni, dak soċjali, ambjentali u ġuridiku, b'mod partikolari bil-promozzjoni:
- (i) mekkaniżmi għat-titjib tat-tfassil, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tajba ta' politika u programmi, inkluż permezz ta' studji, statistika u parir espert, appoġġ lill-koordinazzjoni interdipartimentali u d-djalogu bejn l-entitajiet pubbliċi u privati rilevanti;
 - (ii) il-bini tal-kapaċità fit-twassil ta' politika u programmi fl-oqsma rilevanti, inkluż fir-rigward tal-leġislazzjoni, l-aktar permezz tat-taħriġ kontinwu maniġerjali u tal-persunal u b'appoġġ speċifiku għal servizzi ewlenin, spettorati u atturi soċjo-ekonomiċi, inklużi l-imsieħba soċjali, organizzazzjonijiet non-governattivi rilevanti u organizzazzjonijiet professjonali rappreżentattivi.
3. Il-FSE jista' jappoġġa azzjonijiet imniżżlin fl-Artikolu 3, paragrafu 2 fit-territorju kollu ta' l-Istati Membri eliġibbli taħt il-Fond ta' Koeżjoni, u l-appoġġ transizzjonali tiegħu, kif iddefinit rispettivament fl-Artikolu 5 paragrafu 3 u 7 bis (3) tar-Regolament Nru (...) li jistabbilixxi disposizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni.
4. Waqt l-implimentazzjoni ta' l-oġettivi u l-prijoritajiet riferuti fil-paragrafi 1 u 2, il-FSE għandu jappoġġa l-promozzjoni u l-integrazzjoni ta' attivitajiet innovattivi fl-Istati Membri.
5. Il-FSE għandu jappoġġa wkoll azzjonijiet trans-nazzjonali u inter-reġjonali b'mod partikolari permezz ta' skambju ta' informazzjoni, esperjenzi, riżultati u l-aħjar prattiċi, u bl-iżvilupp ta' approċċi kumplimentari u azzjoni koordinata jew konġunta.

6. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 33(2) tar-Regolament KE Nru (...) Regolament Ġenerali l-finanzjament tal-miżuri taħt il-prijorità ta' inklużjoni soċjali msemmija fil-paragrafu 1 (ċ) i) li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament KE Nr (...) ir-regolament FEŻR (Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali) jista' jiżdied għal 15% ta' l-assi ta' priyorità konċernati.

Artikolu 4

Koerenza u konċentrazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjoni appoġġata mill-FSE tkun konsistenti ma' u tikkontribwixxi għal azzjonijiet imwettqa skond l-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi. B'mod partikolari, huma għandhom jiżguraw li l-istrateġija stabbilita fil-Qafas ta' Referenza Strateġiku Nazzjonali u l-azzjonijiet stabbiliti fil-programmi operattivi tkun tippromwovi l-objettivi, il-prijoritajiet u l-miri ta' l-Istrateġija f'kull Stat Membru fil-qafas ta' programmi ta' riforma nazzjonali u l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-inklużjoni soċjali.

L-Istati Membri għandhom jikkonċentraw ukoll l-appoġġ, fejn il-FSE jista' jikkontribwixxi għal-linji politiċi dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti dwar l-impjieg magħmula taħt l-Artikolu 128(4) tat-Trattat u ta' l-objettivi rilevanti relatati ma' l-impjieg tal-Komunità fil-qasam ta' l-inklużjoni soċjali, l-educazzjoni u t-taħriġ. L-Istati Membri għandhom jagħmlu dan f'ambjent ta' programmar stabbli.

2. Fi ħdan programmi operattivi, ir-riżorsi għandhom ikunu diretti lejn l-iktar ħtiġijiet importanti u jiffukaw fuq daww l-oqsma ta' politika li għalihom l-appoġġ tal-FSE jista' jgħib effett sostanzjali minħabba li jintlaħqu l-objettivi tal-programm. Biex jilħqu l-massimu ta' l-effiċjenza ta' l-appoġġ tal-FSE, il-programmi ta' l-operat għandhom, fejn ikun xieraq, iqisu b'mod partikolari ir-reġjuni u l-postijiet li jkunu qed jiffaċċjaw l-aktar problemi serji, bħal reġjuni deprivati urbanistiċi u daww l-aktar imbiegħda, żoni rurali u żoni dipendenti fuq is-sajd f'deklin, u daww partikolarment affettwati b'mod ħażin minħabba r-rilokazzjoni ta' negozji.

3. Fejn ikun il-każ, sezzjoni preċiża dwar il-kontribuzzjoni tal-FSE fil-promozzjoni ta' l-aspetti rilevanti tas-suq tax-xogħol dwar l-inklużjoni soċjali għandha tkun inkluża fir-rapporti nazzjonali ta' l-Istati Membri taħt il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni dwar il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali.
4. L-indikaturi inklużi fil-programmi operattivi kofinanzjati mill-FSE għandhom ikunu strateġiċi fin-natura tagħhom, limitati fin-numru u għandhom jirriflettu dawk użati fl-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi u fil-kuntest ta' l-oġettivi rilevanti tal-Komunità fl-oqsma ta' l-inklużjoni soċjali u l-edukazzjoni u t-taħriġ.
5. Il-valutazzjonijiet li jkunu saru b'rabta ma' l-azzjoni tal-FSE għandhom jivvalutaw ukoll il-kontribut ta' l-azzjoni appoġġata mill-FSE għall-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi u għall-oġettivi tal-Komunità fl-oqsma ta' l-inklużjoni soċjali, in-non-diskriminazzjoni u l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, u l-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 5

Governanza u sħubija tajbin

1. Il-FSE għandu jippromwovi l-governanza u s-sħubija tajbin. L-appoġġ tiegħu għandu jitfassal u jiġi implimentat fuq livell territorjali xieraq wara li jittieħed kont tal-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, skond l-arranġamenti istituzzjonali li jkunu speċifiċi għal kull Stat Membru.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-involvement ta' l-imsieħba soċjali u l-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni adegwata ta' partijiet interessati oħra, fuq il-livell territorjali xieraq, fit-tnejn, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' l-appoġġ tal-FSE.

3. L-awtorità ta' tmexxija ta' kull programm operattiv għandha thegħeġ il-parteċipazzjoni xierqa ta' l-imsieħba soċjali fl-attivitajiet ffinanzjati taħt l-Artikolu 3 .

Taħt l-Objettiv ta' "Konverġenza", ammont xieraq tar-riżorsi tal-FSE għandhom ikunu allokat i għall-bini ta' kapaċitajiet, li għandhom jinkludu taħriġ, miżuri ta' networking, it-tisħiħ tad-djalogu soċjali u attivitajiet imwettqin b'mod konġunt mill-imsieħba soċjali, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-adattabbiltà tal-ħaddiema u l-intrapriżi msemmijin fl-Artikolu 3 (1) (a).

4. L-awtorità tat-tmexxija ta' kull programm operattiv għandha tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni u l-aċċess xierqa ta' organizzazzjonijiet non-governattivi fl-attivitajiet ffinanzjati, l-aktar fl-isfera ta' l-inklużjoni soċjali, ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-opportunitajiet indaqs.

Artikolu 6

Ugwaljanza bejn is-sessi u opportunitajiet indaqs

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programmi operattivi jinkludu deskrizzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-opportunitajiet indaqs huma promossi fit-tnejja, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u fil-valutazzjoni ta' programmi. L-Istati Membri għandhom jippromwov u parteċipazzjoni bilanċjati ta' nisa u irġiel fit-tmexxija u t-twettiq ta' programmi operattivi fuq livell lokali, reġjonali u nazzjonali, kif xieraq.

Artikolu 7

L-Innovazzjoni

Fil-qafas ta' kull programm operattiv, attenzjoni partikolari għandha tingħata lill-promozzjoni u l-integrazzjoni ta' attivitajiet innovattivi. L-awtorità ta' tmexxija għandha tagħżel it-temi għall-finanzjament ta' l-innovazzjoni fil-kuntest ta' sħubija u għandha tiddefinixxi l-modalitajiet xierqa ta' implimentazzjoni. Għandha tinforma lill-Kumitat ta' Monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 62 tar-Regolament (KE) Nru (...) li jistabbilixxi d-disposizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni dwar it-temi magħżulin.

Artikolu 8

Azzjonijiet trans-nazzjonali u inter-reġjonali

1. Fejn Stati Membri jappoġġaw azzjonijiet favur azzjonijiet trans-nazzjonali u/jew inter-reġjonali kif stabbilit fl-Artikolu 3 paragrafu 4, bħala assi ta' prijorità speċifiku fi ħdan programm operattiv, il-kontribuzzjoni tal-FSE tista' tiżdied b'10% fil-livell ta' l-assi ta' prijorità. Din il-kontribuzzjoni miżjuda m'għandhiex tkun inkluża fil-kalkolu tal-limiti stabbiliti fl-Artikolu 51 tar-Regolament Nru (...).
2. L-Istati Membru għandhom, bl-assistenza tal-Kummissjoni fejn xieraq, jiżguraw li il-FSE ma jappoġġax operazzjonijiet speċifiċi li fl-istess ħin ikunu qed jiġu appoġġati permezz ta' programmi trans-nazzjonali oħra tal-Komunità, b'mod partikolari fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ.

Artikolu 9

Assistenza teknika

Il-Kummissjoni għandha tippromwovi b'mod partikolari l-iskambji ta' esperjenzi, attivitajiet li jqajmu kuxjenza, seminars, networking u r-reviżjonijiet bejn il-pari li jservu biex ikunu identifikati u mxerrda l-prattiċi tajba u biex jiġi mħeġġeġ it-tagħlim reċiproku, il-kooperazzjoni trans-nazzjonali u inter-reġjonali bl-għan li jissaħħu d-dimensjoni tal-politika u l-kontribuzzjoni tal-FSE lejn l-oġettivi tal-Komunità fejn għandhom x'jaqsmu l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali.

Artikolu 10

Rapporti

Ir-rapporti ta' l-implimentazzjoni annwali u finali msemija fl-Artikolu 66 tar-Regolament (KE) Nru (...) li jistabbilixxi d-disposizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni), għandu jkun fihom, fejn ikun xieraq, sintesi ta' l-implimentazzjoni ta':

- (a) l-integrazzjoni tal-kwistjonijiet ta' bejn is-sessi kif ukoll kull azzjoni speċifika dwar is-sessi;
- (b) azzjoni biex tiżdied il-parteċipazzjoni ta' migranti fl-impjieg u b'hekk tissaħħaħ l-integrazzjoni soċjali tagħhom;
- (c) azzjoni biex tissaħħaħ l-integrazzjoni fl-impjieg u b'hekk titjib l-inklużjoni soċjali ta' minoranzi;
- (d) azzjoni biex tissaħħaħ l-integrazzjoni fl-impjieg u l-inklużjoni soċjali ta' gruppi żvantaġġati oħrajn;
- (e) attivitajiet innovattivi, inkluża preżentazzjoni tat-temi, ir-riżultati tagħhom u tat-tixrid u l-integrazzjoni tagħhom;
- (f) azzjonijiet trans-nazzjonali u/jew inter-reġjonali

Artikolu 11

Eliġibbiltà tan-nefqa

1. Il-FSE għandu jipprovdi appoġġ lejn nefqa eliġibbli li, minkejja l-Artikolu 51 tar-Regolament Nru (...) regolament Ġenerali, jista' jinkludi kwalunkwe riżorsi finanzjarji kollettivament kostitwiti minn impjegati u ħaddiema. L-assistenza għandha tiegħu l-forma ta' għotjiet mhux rimborżabbli individwali jew globali, għotjiet rimborżabbli, tnaqqis fl-interessi tas-self, mikro-krediti, fondi ta' garanzija, u x-xiri ta' merkanzija u servizzi skond ir-regoli ta' akkwist pubbliku.
2. In-nefqa li ġejja hija ineliġibbli għal kontribuzzjoni mill-FSE:
 - (a) VAT li rekuperabbli;
 - (b) Interessi fuq id-dejn;
 - (c) Ix-xiri ta' għamara, tagħmir, vetturi, infrastruttura, proprjetà u art.
3. L-ispejjeż li ġejjin għandhom ikunu infiq eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-FSE kif definit fil-paragrafu 1 sakemm huma magħmulin skond ir-regoli nazzjonali, inklużi r-regoli ta' kontabbiltà, u taħt kondizzjonijiet speċifiċi previsti hawn taħt:
 - a) l-allowances jew is-salarji mħallsin minn parti terza għall-benefiċċju tal-parteciċpanti f'operazzjoni u ċertifikati għall-benefiċċjarju,
 - b) fil-każ ta' għotjiet, l-ispejjeż indiretti dikjarati abbażi ta' rata fissa sa 20% ta' l-ispejjeż diretti ta' operazzjoni, sakemm dawn l-ispejjeż indiretti jidhru fil-kontijiet tal-benefiċċjarju.
 - ċ) l-ispejjeż ta' deprezzament ta' assi ta' deprezzament elenkati taħt il-paragrafu 2(ċ), allokati esklussivament għat-tul ta' operazzjoni, safejn l-għotjiet pubbliċi ma kkontribwewx lejn l-akkwist ta' dawk l-assi.

4. Ir-regoli ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru (...) dwar il-FEŻR għandhom japplikaw għall-azzjoni ko-finanzjata mill-FSE u li jaqgħu fil-firxa ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru (...) dwar il-FEŻR.

Artikolu 12

Disposizzjonijiet Transitorji

1. Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa l-implimentazzjoni kontinwa jew il-modifika, inkluż il-kanċellazzjoni totali jew parzjali, ta' assistenza approvata mill-Kummissjoni abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1784/99 dwar il-Fond Soċjali Ewropew, jew kwalunkwe leġislazzjoni oħra li tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2006, li għandha konsegwentement tapplika minn hemm 'il quddiem għal dik l-assistenza jew il-proġetti sakemm jagħlqu.
2. L-applikazzjonijiet magħmula taħt ir-Regolament (KEE) Nru 1784/99 għandhom jibqgħu validi.

Artikolu 13

Revoka

Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 12, ir-Regolament (KE) Nru 1784/99 huwa revokat b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.

Riferenzi għar-Regolament (KE) Nru 1784/99 għandhom jiftiehm b'hal referenza għal dan ir-Regolament.

Artikolu 14

Klawsola ta' reviżjoni

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jirrevedu dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2013 skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 148 tat-Trattat.

Artikolu 15

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussel,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President
